

- l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-ECB tal-25 ta' Ġunju 2019 li tirrifjuta li tiftaħ mill-ġdid il-proċeduri dixxiplinari wara l-għeluq tal-proċeduri kriminali;
 - fi kwalunkwe każ, il-kumpens għad-dannu morali sostnut mill-appellant evalwat *ex aequo et bono* fl-ammont ta' EUR 20 000,00;
 - ir-rimbors tal-ispejjeż kollha.
- tikkundanna lill-ECB għall-ispejjeż kollha tal-appell u kif ukoll dawk tal-ewwel istanza.

Aggravji u argumenti prinċipali

Is-sentenza appellata wettqet żball ta' liġi meta ħadhet l-ewwel motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tal-miżuri kkontestati.

Is-sentenza appellata wettqet żball ta' liġi meta ħadhet it-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8.3.2 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

Is-sentenza appellata wettqet żball ta' liġi meta ħadhet is-seba' motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza u tal-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Is-sentenza appellata wettqet żball ta' liġi meta ħadhet ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8.3.7 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità kif stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta.

Is-sentenza appellata wettqet żball ta' liġi meta ħadhet is-sitt motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

Appell ippreżentat fis-26 ta' Awwissu 2021 minn CE mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fis-16 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-355/19, CE vs Il-Kumitat tar-Reġjuni

(Kawża C-539/21 P)

(2022/C 37/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: CE (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kumitat tar-Reġjuni

Talbiet

- Tannulla parzjalment is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2021, CE vs Il-Kumitat tar-Reġjuni (T-355/19);
- Tikkundanna lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-ispejjeż kollha, inkluż dawk sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali relatati kemm mal-proċedura prinċipali kif ukoll mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jikkontesta b'mod partikolari l-punti 69 u 71, 73 sa 77, 83 sa 91, 109 sa 116, 126 sa 139, 149 u 150 tas-sentenza appellata. Huwa jiżviluppa aggravju uniku insuffiċjenti u ineżatt fid-dritt.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fit-13 ta' Settembru 2021 – ZS vs Zweckverband “Kommunale Informationsverarbeitung Sachsen” KISA, Körperschaft des öffentlichen Rechts

(Kawża C-560/21)

(2022/C 37/12)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesarbeitsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: ZS

Konvenut: Zweckverband “Kommunale Informationsverarbeitung Sachsen” KISA, Körperschaft des öffentlichen Rechts

Domandi preliminari

1) It-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ⁽¹⁾ għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħalma hija f'dan il-każ l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(4) tal-Bundesdatenschutzgesetz (il-Liġi Federali dwar il-Protezzjoni tad-Data), li torbot it-tkeċċija tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data mill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar tad-data, li jkun il-persuna li timpjega lil dan l-uffiċjal, mar-rekwiżiti li huma speċifikati fiha, u dan irrispettivament minn jekk din it-tkeċċija tkunx dovuta jew le għat-tweqqi tal-kompiti tiegħu?

Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

2) It-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament 2016/679 hija bbażata fuq bażi legali suffiċjenti, b'mod partikolari sa fejn tkopri l-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data li jkollhom relazzjoni ta' xogħol mal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar tad-data?

⁽¹⁾ ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

Appell ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2021 minn DD mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (ir-Raba' Awla) fl-14 ta' Lulju 2021 fil-Kawża T-632/19, DD vs FRA

(Kawża C-587/21 P)

(2022/C 37/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: DD (rappreżentant: N. Lorenz, Rechtsanwältin)

Parti oħra fil-proċedura: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali